



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10997/19

DEVGEN 142
SUSTDEV 103
ACP 88
RELEX 683

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Lulju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9233/19	
Suġġett:	Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja: Ir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi 2019 tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Lulju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja: Ir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi 2019 tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif adottat mill-Kunsill fit-3706 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Lulju 2019.

**Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja:
Ir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi 2019 tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jerġa' jafferma li l-iżvilupp sostenibbli jinsab fil-qalba tal-azzjoni tal-Unjoni Ewropea u li l-Aġenda 2030 tirrifletti l-prinċipji u l-valuri li hija msejsa fuqhom l-Unjoni. Huwa fl-interess tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) tagħha u li jippromwovu multilateraliżmu effettiv bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, kif hemm imsemmi fil-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem: il-Kunsens) u fl-Istrateġija Globali għall-politika barranija u tas-sigurtà tal-UE.
2. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU u tas-Summit dwar l-SDGs f'Settembru 2019 u jappella għal impenn qawwi mill-UE u l-Istati Membri tagħha. F'dan il-kuntest il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu "Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli" bi tweġiba għad-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni: Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal dikjarazzjoni politika konċiża, komprensiva, orjentata lejn il-futur u konvinċenti li ssaħħa l-impetu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-SDGs.
3. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel Rapport Konġunt ta' Sinteżi tal-UE u l-Istati Membri tagħha "Appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli madwar id-dinja" bħala kontribut importanti għar-rapportar tal-UE fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli fl-2019. Il-Kunsill jisħaq li l-proċess li jirfed l-elaborazzjoni ta' rapporti konġunti ta' sinteżi futuri għandu jkompli jkun kollaborattiv u trasparenti, jiżgura s-sjieda tal-Istati Membri kollha u jirrifletti l-impenji ta' politika tal-Kunsens. Fl-istess ħin, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa ta' rispett sħiħ għar-rwoli u l-kompetenzi distinti istituzzjonali jew nazzjonali tal-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE.

4. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut kollettiv tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni tal-SDGs kollha madwar id-dinja, li jħaddem kull mezz ta' implimentazzjoni, b'appoġġ għall-Aġenda 2030. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isforzi li saru biex ir-rabtiet bejn SDGs differenti jiġu indirizzati b'mod aktar integrat. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-Aġenda 2030, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.
5. Il-Kunsill jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw b'mod konsistenti u bis-saħħa l-valuri u l-prinċipji tal-UE u jilqa' b'mod partikolari ż-żieda fl-isforzi biex jintlaħqu dawk li jinsabu f'faqar estrem u tiġi ttrattata kull forma ta' inugwaljanza, f'konformità mal-prinċipju li ħadd ma jibqa' lura u li jintlaħaq l-ewwel dak l-aktar lura.
6. Il-Kunsill jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew il-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà, u kienu fost l-aqwa sostenituri tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, u l-istat tad-dritt. Il-Kunsill itenni li l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp għandha tibqa' element ewlieni fl-isforz ġenerali tal-UE biex timplimenta l-Aġenda 2030 u jilqa' l-progress magħmul biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-effetti kollaterali negattivi tal-politiki interni u esterni tal-UE fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u fil-promozzjoni tas-sinerġiji bejn il-politiki u l-azzjonijiet differenti b'appoġġ għall-SDGs.
7. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw bil-qawwa l-iżvilupp soċjali u uman, inkluż billi fil-kooperazzjoni tagħhom għall-iżvilupp taw prijorità lill-ħarsien soċjali, ix-xogħol deċenti, il-kopertura universali fil-qasam tas-saħħa u l-aċċess għall-edukazzjoni. B'mod partikolari, il-Kunsill jenfasizza l-kisbiet fl-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-indirizzar tal-vjolenza kontra l-bniet u n-nisa.
8. Il-Kunsill jissottolinja wkoll il-progress miksub mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fl-appoġġ għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-ħarsien tal-ambjent u l-ġestjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu li jimplimenta l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima permezz ta' azzjoni koordinata u koerenti, u li jappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi sħab biex ineħħu gradwalment is-sussidji fuq fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

9. Il-Kunsill japprezza wkoll li l-UE u l-Istati Membri tagħha adattaw il-kooperazzjoni għall-iżvilupp skont iċ-ċirkostanzi tal-pajjiżi differenti, ħadmu flimkien aħjar, ħadu approċċi innovattivi u żviluppaw sħubijiet inklużivi u aktar b'saħħithom ma' atturi oħra fil-qasam tal-iżvilupp, inkluż organizzazzjonijiet multilaterali, is-soċjetà ċivili, iż-żgħażaġh, l-awtoritajiet lokali u s-settur privat.
10. Il-Kunsill jinnota li jeħtieġ isir progress aktar mgħaġġel f'għadd ta' oqsma essenzjali. B'mod partikolari, il-Kunsill:
- a. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jallinjaw l-istrateġiji u l-programmi tagħhom għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-SDGs, waqt li jitqiesu l-oqfsa eżistenti. Huwa jħeġġeġ bil-qawwa l-użu ta' approċċi dejjem aktar integrati li joħolqu benefiċċji komuni, li b'hekk jiżgura li r-riżorsi jiksbu riżultati f'għadd ta' SDGs.
 - b. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jadattaw aktar l-istrateġiji tagħhom tal-appoġġ skont il-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab. Iħeġġiġhom jaħdmu flimkien ma' pajjiżi sħab permezz ta' djalogi ta' politika bbażati fuq l-SDGs, li jqisu l-interessi u l-prijoritajiet komuni u jibbażaw fuq pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp u reviżjonijiet nazzjonali volontarji.
 - c. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu sforz flimkien aktar qawwi biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fl-integrazzjoni tal-SDGs, flimkien mal-miri b'rabta mal-klima, fl-istrateġiji, il-politiki, il-baġits, l-oqfsa finanzjarji u r-rappurtar nazzjonali tagħhom.
 - d. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu sforz biex jaħdmu aħjar flimkien, b'mod partikolari fil-livell ta' pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' programmazzjoni konġunta, implimentazzjoni konġunta u oqfsa konġunti għar-riżultati. Dan jgħin biex ikabbar l-effett tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.
 - e. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu jiżviluppaw sistemi robusti ta' rappurtar tar-riżultati li juru l-impatt tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fuq l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-SDGs, inkluż fejn l-azzjonijiet jindirizzaw għadd ta' objettivi. Jappella wkoll lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-bini tal-kapaċitajiet tal-istatistika tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex dawn jinfurmaw it-tfassil tal-politiki u t-teħid tad-deċiżjonijiet b'appoġġ għall-SDGs.

11. B'mod ġenerali, il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress miksub mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-Kunsens u fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bħala l-pjan internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli fid-dinja kollha. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jiffoka r-riżorsi fejn hu l-aktar meħtieġ, speċjalment il-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew milquta minn konflitt.
 12. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu li jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli, fi sħubija man-Nazzjonijiet Uniti, bħala s-sisien tal-ordni globali bbażat fuq ir-regoli. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali u r-Rapport ta' Progress dwar l-SDGs tas-Segretarju Ġenerali. Hu partikolarment importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jinvolve ruħhom mal-atturi kollha konċernati, inkluż il-Fora Poliċi ta' Livell Għoli f'Lulju u Settembru 2019, biex jikkoordinaw u jgħaffu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.
-